# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 763/2007

## tad-29 ta' Ġunju 2007

## li jistipula l-ammont korrettiv applikabbli għar-rifużjoni għaċ-ċereali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), u partikolarment l-Artikolu 15(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jistipola li r-rifużjoni applikabbli għall-esportazzjonijiet ta' ċereali fil-jum li fih titressaq l-applikazzjoni għal liċenzji għandha tkun applikata, fuq talba, fuq esportazzjoni li ssir matul il-perjodu ta' validità tal-liċenzja. F'dan il-każ, ammont korrettiv jista' jiġi applikat fuq ir-rifużjoni.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1501/95 tad-29 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 dwar l-għotja ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' ċereali u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' disturb fis-suq taċ-ċereali ([2]) ppermetta li jiġi stabbilit ammont korrettiv għall-prodotti msemmija fl-Artikolu 1, punti a), b) u c) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003. Dan l-ammont korrettiv irid jiġi kkalkulat billi jitqiesu l-fatturi msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1501/95.

(3) Il-qagħda tas-suq dinji u r-rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti swieq jistgħu jeħtieġu li l-ammont korrettiv ikun iddiferenzjat skond id-destinazzjoni.

(4) L-ammont korrettiv jeħtieġlu jiġi ddefinit skond l-istess proċedura bħar-rifużjoni. Jista' jinbidel fil-perjodu bejn stipular u ieħor.

(5) Mid-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq jirriżulta li l-ammont korrettiv għandu jiġi stabbilit skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni taċ-ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ammont korrettiv applikabbli għar-rifużjonijiet iddefinit bil-quddiem għall-esportazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003, għajr il-malt, huwa emendat f'konformità ma' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1154/2005 (ĠU L 187, 19.7.2005, p. 11).

([2]) ĠU L 147, 30.6.1995, p. 7. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 777/2004 (ĠU L 123, 27.4.2004, p. 50).

*ANNESS*

**għar-Regolament tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2007 li jemenda l-ammont korrettiv applikabbli għar-rifużjoni għaċ-ċereali**

*(EUR/t)*

| Kodiċi tal-prodotti | Destinazzjoni | Kurrenti 6 | Terminu 1 7 | Terminu 2 8 | Terminu 3 9 | Terminu 4 10 | Terminu 5 11 | Terminu 6 12 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1001 10 00 9200 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1001 10 00 9400 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1001 90 91 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1001 90 99 9000 | C01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1002 00 00 9000 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1003 00 10 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1003 00 90 9000 | C02 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1004 00 00 9200 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1004 00 00 9400 | C03 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1005 10 90 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1005 90 00 9000 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1007 00 90 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1008 20 00 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1101 00 11 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1101 00 15 9100 | C01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1101 00 15 9130 | C01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1101 00 15 9150 | C01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1101 00 15 9170 | C01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1101 00 15 9180 | C01 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1101 00 15 9190 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1101 00 90 9000 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1102 10 00 9500 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1102 10 00 9700 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1102 10 00 9900 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1103 11 10 9200 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1103 11 10 9400 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1103 11 10 9900 | — | — | — | — | — | — | — | — |
| 1103 11 90 9200 | A00 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | — | — |
| 1103 11 90 9800 | — | — | — | — | — | — | — | — |

*NB:* Il-kodiċijiet tal-prodotti kif ukoll il-kodiċijiet tad-destinazzjonijiet serje "A" huma definiti skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 (ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1), kif emendat.

Il-kodiċijiet numeriċi tad-destinazzjonijiet huma definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2081/2003 (ĠU L 313, 28.11.2003, p. 11).

C01: Il-pajjiżi terzi kollha għajr l-Albanija, il-Kroazja, il-Bożnja u Ħerzegovina, il-Montenegro, is-Serbja, l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Liechtenstein u l-Iżvizzera.

C02: L-Alġerija, il-Bahrejn, l-Eġittu, l-Emirati Għarab Magħquda, l-Għarabja Sawdita, il-Ġordan, l-Iran, l-Iraq, Iżrael, il-Kuwejt, il-Libanu, il-Libja, il-Marokk, il-Mawritanja, Oman, il-Qatar, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Jemen.

C03: Il-pajjiżi kollha għajr in-Norveġja, l-Iżvizzera u Liechtenstein.